**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 87/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**vs**
**Emeke Wisdom Azomokwu**

**Illum 23 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Emeke Wisdom Azomokwu ta' 27 sena imwieled gon-Nigeria fil-15 ta' Jannar, 1989 bin Azomokyu u Stella u joqghod fic-Centru Miftuh tal-Marsa, Marsa detentur tal-Passaport numru A05772111.

Akkuzat talli:

1. Fit-22 ta' Frar, 2017 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, bil-hsieb li jaghmel delitt ta' frodi b'eghmil qarrieqi jew qliegh iehor b'qerq ghall-ammont ta' 1550 Euro ghad-detriment ta' Astoria Ltd u/jew HSBC bank skont l-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. Talli fl-istess data, lokalita' u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi jzid jew ibiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3. Aktar talli fl-istess data, lokalita' u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli, fl-istess data, lokalita' u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

5. Kif ukoll talli, fl-istess data, lokalita' u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' cekk ghad-detriment ta' Astoria Ltd u/jew HSBC liema oggett misruq ma jiswix aktar minn tlieta u ghoxrin Euro u 29 centezmu (€23.29).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 23 ta' Frar, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', cekk immarkat bhala Dok ET1, il-fedina penali aggornata ta' l-imputat immarkat bhala Dok ET2, fotokopja tal-passaport tal-imputat immarkat bhala Dok ET3, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat immarkat bhala Dok ET4, current incident report immarkat bhala Dok ET5.

Wara li sar l-ezami ta' l-imputat ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu kif registrata fis-seduta tal-lum quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tathu zmien xieraq biex jekk irid, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat ipprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu, u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssibhu hati taghhom.

Fic-cirkostanzi il-Qorti, wara li rat il-fedina penali netta ta' l-imputat, u wara li rat ukoll li l-imputat ammetta fi stadju l-iktar bikri ta' dawn il-proceduri u peress li l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi huma kollha assorbiti fit-tieni (2) akkuza, ma tarax li ghandha taghti piena ta' prigunerija effettiva.

**Decide:**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 183, Artikolu 184, Artikolu 189 u l-Artikoli 284, 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u fuq ammissjoni tal-imputat stess, qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, tikkundanna lill-imputat ghal perjodu komplessiv ta' hmistax (15)-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erbgha u ghoxirn(24) xahar mil-lum.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini ta' l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**